**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' ĠUNJU, 2024**

**Kawża Numru: 2**

**Rik. Ġur. 212/2014 RGM**

**Elda Francesca Busalacchi**

**vs.**

**Aria Chartering Limited**

**Il-Qorti**

1. Rat li l-attriċi ppreżentat rikors ġuramentat fil-11 ta' Marzu 2014 fejn ippremetiet u talbet is-segwenti:

> "Illi r-rikorrenti kienet impjegata mas-soċjeta' intimata fuq il-bastiment M/Y ARIA u kienet ilha hekk impjegata għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu, 2011 u l-31 ta' Diċembru, 2013.
>
> Illi l-pożizzjoni illi kienet tkopri r-rikorrenti kienet ta' *stewardess* u dana kif jirriżulta mill-kuntratt ta' impjieg hawn anness u markat **Dok. EB1.** Illi kif jirriżulta mill-istess kuntratt ta' impjieg, ir-rikorrenti

kellha s-salarju annwali ta' sitta u għoxrin elf u ħames mitt ewro (€26,500) illi jammontaw għal elfejn, mitejn u tmien euro u tlieta u tletin ċentezmu (€2,208.33) mensili.

Illi mingħajr approvazzjoni jew qbil mar-rikorrenti, is-soċjeta' intimata naqqset is-salarju tal-rikorrenti konsiderevolment u dana mingħajr ma la avżat lir-rikorrenti u wisq anqas ottjeniet l-approvazzjoni tal-istess rikorrenti. Illi matul il-perjodu ta' l-impjieg tagħha mas-soċjeta' intimata, ir-rikorrenti irċeviet l-ammont ta' wieħed u tletin elf, tliet mija u sitta u tmenin ewro (€31,386) anqas minn dak illi kienet intitolata għalih skond il-kuntratt ta' impjieg hawn anness u markat **Dok. EB1** u dana nonostante l-oġġezzjoni kostanti tagħha.

Illi f' Diċembru tas-sena 2013, is-soċjeta' intimata infurmat lir-rikorrenti illi kienet sejra titterminalha l-impjieg u fis-7 ta' Diċembru, 2013 ir-rikorrenti kienet ġiet preżentata bil-ftehim hawn anness u markat **Dok. EB2.**

Illi meta ġiet ippreżentata b'tali ftehim, ir-rikorrenti talbet lis-soċjeta' intimata tħallasha l-arretrati tas-salarju illi kienu dovuti lilha skond il-kuntratt ta' impjieg iżda d-direttur tas-soċjeta' intimata spjega lill-istess rikorrenti illi wara illi l-istess rikorrenti tiffirma l-imsemmi ftehim, is-soċjeta' intimata kienet sejra tħallas lir-rikorrenti is-somom kollha dovuti lilha, inklużi l-arretrati tas-salarji.

Illi kwindi l-imsemmi ftehim kien ġie iffirmat mir-rikorrenti bl-intiża ċara bejn ir-rikorrenti u s-soċjeta' intimata illi l-istess soċjeta' intimata kienet sejra tivversa s-salarju kollu illi kien għadu ma tħallasx lir-rikorrenti u, inoltre, il-ħlasijiet imsemmijin fl-istess ftehim.

Illi madankollu, wara t-trapass ta' xahrejn mid-data tal-ftehim in kwestjoni, is-soċjeta' intimata kienet għadha ma ħallsitx is-somma dovuta bħala salarju lir-rikorrenti u minkejja illi s-soċjeta' intimata ġiet interpellata tagħmel dan, hija baqgħet inadempjenti.

Illi madankollu dana ma kienx dak illi s-soċjeta' intimata kienet wegħdet lir-rikorrenti meta hija kienet iffirmat id-dokument hawn anness u markat **Dok. EB2** u, fi kwalunkwe każ, meta r-rikorrenti

iffirmat l-imsemmi dokument datat is-7 ta' Diċembru, 2013, l-istess rikorrenti iffirmat biss għax kien intqal lilha mis-soċjeta' intimata illi hija kienet ser tiġi mħallsa l-ammont sħiħ dovut lilha, inklużi l-arretrati tas-salarji.

Illi kwindi l-kunsens tar-rikorrenti għall-ftehim imsemmi datat 7 ta' Diċembru, 2013 u kontenut fid-dokument hawn anness u markat **Dok. EB2** kien vizzjat b'qerq u/jew żball.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

(i) Tiddikjara illi l-kunsens tar-rikorrenti fuq il-ftehim datat 7 ta' Diċembru, 2013 hawn anness u markat **Dok. EB2** huwa null stante illi l-kunsens tar-rikorrenti ġie mogħti bi żball dwar il-fatt li jaqa' fuq is-sustanza innifisha ta' l-oġġett tal-ftehim a tenur tal-Artikolu 976 tal-Kodiċi Ċivili (il-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jew karpit bi kliem qarrieqi jew għemil doluż da parti tas-soċjeta' intimata u rappreżentanti tagħha skond l-Artikolu 981 tal-Kodiċi Ċivili (il-Kapitlu tal-Liġijiet ta' Malta);

(ii) Tiddikjara illi s-somma ta' wieħed u tletin elf ewro u tliet mija u sitta u tmenin ewro (€31,386) jew somma verjuri rappreżentanti l-arretrati tas-salarju kif suespost, flimkien ma' imgħaxijiet fuq l-istess arretrati, hija dovuta lill-istess rikorrenti.

(iii) Tikkundanna lis-soċjeta' inimata tħallas is-somma hekk dikjarata ai termini tat-talba preċedenti;

(iv) Tordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma dikjarata ai termini tat-tieni talba

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' arrest aventi n-numru 331/14/JM maħruġ mir-rikorrenti kontra s-soċjeta' intimata illi minn issa hija u l-uffiċjali tagħha huma inġunti għas-subizzjoni."

2. Rat li b'risposta ġuramentata tal-4 t'April 2014, is-soċjetà konvenuta eċċepiet is-segwenti:

1. "Illi preliminarjament, l-inammissibilità tat-talbiet attriċi stante

li l-ewwel talba qiegħda titlob biss unikament dikjarazzjoni ta' nullità tal-kunsens tar-rikorrenti u mhux ukoll ir-rexxissjoni tal-ftehim datat 7 ta' Diċembru 2013. F'dan il-kwadru, dina l-Onorabbli Qorti anke kieku kellha ipotetikament tilqa' l-ewwel talba attriċi qatt ma tkun tista' tgħaddi sabiex tilqa' it- talbiet l-oħra;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, il-pretensjonijiet tal-attriċi huma kompletament inveritieri u infondati u din l-azzjoni hija biss intiża biex tivvessa lis-soċjetà esponenti:

   i. Illi naturalment mhuwiex ikkontestat li l-attriċi kienet impjegata mas-soċjetà esponenti iżda assolutament mhuwiex minnu illi lilha tnaqqsitilha il-paga mingħajr kunsens tagħha tant illi hija għamlet sentejn sħaħ (minn Jannar 2012 sa Diċembru 2013), tirċievi il-paga li kienet tnaqqset bi qbil u dana mingħajr l-icken kontestazzjoni min-naħa tagħha;

   ii. Illi dak li effettivament ġara huwa li ż-żewġ partijiet waslu fi qbil dwar it- terminazzjoni tal-impjieg u kif ukoll għal ammont *ex gratia* li s-soċjetà konvenuta offriet li tħallas min rajha oltre d-data tat-terminazzjoni. Illi dan il-ftehim kien ġie redatt apposta bit-Taljan sabiex ma jkunx hemm l-ebda malintiż u/jew ekwivoku, u l-attrici min jeddha attendiet laqgħa kordjali fl-uffiċju tad-direttur tas-soċjetà konvenuta nhar is-7 ta' Diċembru 2013, fejn wara li l-istess attriċi qrat il-ftehim u ddiskutietu fit-tul mad-direttur tas-soċjetà konvenuta hija iffirmat li kienet qed tirrikonoxxi u taqbel mingħajr kundizzjoni u b'mod irrevokabbli l-kontenut tal-istess skrittura, u senjatament illi 1-impjieg tagħha kien ser jiġi itterminat bi ftehim ta' żewġ partijiet b'effett mill-31 ta' Diċembru 2013 u li salv il-pagamenti maqbula fuq l-istess skrittura hija irrinunzjat għal kwalsiasi kawża futura u ddikjarat li ma għandha l-ebda pretensjoni jew talba x'tagħmel fil-konfront tas-soċjetà konvenuta;

   iii. Illi mhux talli l-attriċi ma onoratx dan il-ftehim, iżda talli

issa wara li ħadet il- pagament *ex gratia,* qed tipprova toħroġ mill-obbligi kuntrattwali tagħha billi tipprova tgħid li l-kunsens tagħha kien ottjenut bi żball jew b' qerq;

3. Illi wara li terġa' tisħaq dak ribadit supra, is-soċjetà konvenuta hija ta' fehma konvinta li dina l-Onorabbli Qorti għandha ssib illi ma jissusistux l-elementi kontemplati fil-liġi għal tħassir ta' kuntratt a bażi ta' allegat qerq jew żball ta' fatt:

    i. Illi infatti assolutament mhuwiex minnu illi l-attriċi ġiet imwiegħda ammonti oħra oltre dawk imsemmija fl-istess ftehim u anki li kieku l-attriċi kienet taħt din l-impressjoni dan ma jkunx żball skużabbli għax kien jinkombi fuq l-attriċi li tinsisti li dawk l-ammonti jitniżżlu fil-ftehim de quo;

    ii. Illi ċertament li ma jeżisti l-ebda ingann jew raġġir da parti tas-soċjetà konvenuta.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi, inkluż dawk relatati mal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar nru 331/14 li qiegħda minn issa stess tiġi inġunta għas-subizzjoni tagħha. Is-soċjetà esponenti tirriserva d-drittijiet kollha tagħha fil-liġi fil-konfront tal-attriċi."

3. Rat l-atti kollha tal-kawża.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet[1] [2].

5. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**

6. L-**attriċi** ppreżentat l-affidavit tagħha fejn bdiet billi ddikjarat li kieku

[1] Fol 200 et seq tal-proċess.

[2] Fol 220 et seq tal-proċess.

kienet taf li wara li tiffirma l-iskrittura tas-7 ta' Diċembru 2013 is-soċjetà konvenuta ma kinitx sejra tħallasha l-flus hija ma kinitx tiffirma l-istess skrittura. Tinsisti li hija ffirmat il-ftehim għaliex Marco Mercieca, direttur uniku tas-soċjetà konvenuta kien assiguraha li wara li tiffirma l-iskrittura in kwistjoni ser tirċievi l-flus kollha li tnaqqsulha mill-paga. Tispjega li hija bdiet taħdem mas-soċjetà konvenuta wara li hija ddiskutiet il-paga tagħha ta' €2,300 fix-xahar. Bdiet taħdem mas-soċjetà konvenuta mill-1 ta' Marzu 2011. Tfisser li hija bdiet tirċievi salarju ta' €2,300 fix-xahar però mill-1 ta' Marzu 2012 hija bdiet triċievi €1,429 fix-xahar u dan mingħajr l-għarfien tagħha. Tgħid li hija ppruvat tikkuntattja l-persuna responsabbli għall-amministrazzjoni u l-uniku direttur tas-soċjetà konvenuta Marco Mercieca iżda ma kienx irnexxilha tkellem lilu direttament. Iżda lill-missieru li kien qalilha li ser jgħidlu jċempilha però tgħid li Marco Mercieca qatt ma kien irritorna t-telefonata tagħha u kien għalhekk li fl-4 t'April 2012 ikkuntatjatu mill-ġdid u insistiet li jiltaqgħu ħalli jispjegalha għalfejn kien hemm it-tnaqqis fil-paga tagħha mingħajr il-kunsens tagħha.[3] Tgħid li kien qalilha li huwa kien ġie infurmat li hija kienet aċċettat dan il-ftehim ta' tnaqqis fil-paga u kien qalilha li "huwa kien jieħu biss ordnijiet mis-Sinjuri Spadola"[4] u li hija kienet awtorizzathom jaqtagħulha mill-paga. Hija tinsisti li hija qatt ma tat l-awtorizzazzjoni tagħha, li kieku kien il-każ ma kinitx ser toqgħod targumenta miegħu fuq il-paga. Tispjega li hija insistiet miegħu li ma kellux jkun hemm aktar qtugħ u li kellha tirċievi l-ammonti li kienu qatgħulha mill-paga. Tgħid li qaltlu li huwa ma kellu ebda dritt ivarja unilateralment l-paga tagħha. Tkompli tispjega li huwa kien qalilha li huwa kien marbut jeżegwixxi l-ordnijiet li jtuh is-Sinjuri Spadola però taha assigurazzjoni li kien ser jagħmel li jista' sabiex jirranġa s-sitwazzjoni u fuq din l-assigurazzjoni hija kompliet taħdem. Tgħid li hija dejjem ġiet aċċertata minn Mercieca kull darba li titkellem miegħu li kienet sejra tirċievi l-paga tagħha b'mod sħiħ. Tfisser li Mercieca kien infurmaha li l-jott li taħdem fuqu kien ser jinbiegħ u allura l-impjieg

[3] Din il-verżjoni ta' xhieda tinstab ukoll fil-proċess tat-Tribunal Industriji fl-ismijiet **Paolo Cannistrano vs. Aria Chartering Limited** (kawża rigwardanti terminazzjoni inġusta) – xhieda a fol 54 tal-imsemmi proċess, liema proċess jinsab fl-envelop a fol 168.

[4] Fol 42 tal-proċess.

tagħha kien ser jiġi terminat b'effett mis-7 ta' Diċembru 2013. Tgħid li fil-fatt fis-7 ta' Diċembru 2013, Mercieca bagħtilha messaġġ sabiex tmur flimkien ma' Paolo Cannistrano l-uffiċċju tiegħu ħalli jiffirmaw id-dokumenti. Tgħid li kif bdiet il-laqgħa, li damet nofs siegħa jew tlett kwarti, Mercieca ippreżentalhom id-dokument tat-terminazzjoni u fih indunat li ma kien hemm ebda referenza għal arretrati u kien għalhekk li ġibdet l-attenzjoni ta' Mercieca u kien serħilha moħħha li ser titħallas. Tgħid li hija talbet li ċ-ċifra tal-arretrati tiġi mniżżla però tgħid li kien qalilha li huwa kien mgħaġġel u ma kellux ħin jikteb id-dokument mill-ġdid biex idaħħal iċ-ċifra, iżda assiguraha li l-flus sejra teħodhom u fuq din l-assigurazzjoni hija ffirmat id-dokument. Tinsisti li hija qatt ma rċeviet pagament *ex gratia* sabiex tissostitwixxi l-pagament illi kien dovut lilha għat-tnaqqis; il-pagament *ex gratia* kien ħlas li hija talbet lis-soċjetà konvenuta meta saret taf li ser titlef l-impjieg tagħha u ċioe bħala kumpens għall-iskumdita li kienet sejra tbagħti għax-xogħol li kienet sejra titlef u sabiex iservi bħala 'pont' finanzjarju għal perjodu li hija kienet sejra tagħmel qegħda. Tkompli tgħid li "*Ghalkemm iffirmajt il-kuntratt tas-7 ta' Diċembru 2013 minħabba illi kont sejra nirċievi s-somom illi tnaqqsuli mill-pagi mingħajr il-kunsens tiegħi minn Aria Chartering Ltd illi jammontaw għal oltre €27,000 u s-somma ex gratia kienet mħallsa lili mhux għax jiena aċċettajt illi nirrinunzja għal din is-somma illi kienet tnaqqset mill-paga tiegħi iżda għax-xogħol illi kont qegħda nitlef bit-tama illi kienet tgħini (is-somma ex gratia) sakemm kont insib xogħol ieħor.*"[5]. Fissret li l-pagament *ex gratia* kien ta' €4,600 u ċioe il-ħlas ta' xahrejn paga. Tfisser li ċertament ma kinitx sejra taċċetta €4,600 flok is-somma tal-fuq minn €27,000.

7. Xehed permezz t'affidavit ukoll **Paolo sive Aldo Cannistrato**, li kien kaptan fuq l-istess jott proprjetà tas-soċjetà konvenuta li kienet taħdem fuqu l-attriċi. Ifisser li fix-xahar ta' Diċembru 2011 kien mar fuq il-jott is-Sinjur Spadola, "*għajjatli f'ġenb u ipproponieli tnaqqis fil-paga tiegħi u ta' Elda Francesca Busalacchi. Jiena irrispondejt, ftit irrabjat, illi fir-rigward tal-lat ekonomiku tal-persunal (u ċioe dak tas-Sinjura Busalacchi) jiena ma stajtx nieħu deċiżjonijiet u kellhom , semmaj,*

[5] Fol 44 tal-proċess.

*ikellmu lilha.”*[6] Jgħid li huwa dejjem tkellem esklussivament għalih inniffsu u għalih kien aċċetta tnaqqis fil-paga però ma kienx jaf jekk kellmuhiex lis-Sinjura Busalacchi. Ifisser li għal dan id-diskors l-attriċi ma kinitx preżenti. Jgħid li huwa kien qal lill-attriċi b'dak li kien qallu Spadola u hija kienet qaltlu li jekk ser ikellimha, hija kienet ser tirrifjuta. Insista li huwa qatt ma ta l-kunsens tiegħu għan-nom tal-attriċi. Jgħaddi imbagħad għal dak li ġara fis-7 ta' Diċembru 2013 meta ltaqgħu ma' Mercieca u fisser li Busalacchi wara li rat li ma kinux imsemmijin l-arretrati, quddiemu kienet staqsit lil Mercieca x'kien ser isir mir-rifużjoni tal-flus illi tnaqqsulha mill-paga. Jgħid li Mercieca kien qalilha biex ma tinkwetax għax hija kienet ser tirċievi l-flus mnaqqsa mill-paga wara li tiffirma d-dokument dakinhar. Ikompli jgħid *“fl-ebda punt ma s-Sinjur Marco Mercieca qal illi s-soċjetà ma kenitx ser tħallas dak dovut lis-Sinjura Busalacchi jew illi ż-żewġ mensilita illi jissemmew fl-imsemmija skrittura, kien sejrin jissostitwixxu s-somma dovuta u rappreżentanti l-qtugħ illi sar mill-paga tas-Sinjura Busalacchi. Di kliem ieħor, ma ntqalx illi dan iż-żewġ mensilita kienu in kambju tal-flus dovuti lis-Sinjura Busalacchi ai termini tal-kuntratt tax-xogħol.”*[7] Jgħid ukoll li l-attriċi talbet lil Mercieca sabiex l-iskrittura tinbidel sabiex tirrifletti l-pagament li kienu tnaqqsulha mill-paga però Mercieca ma riedx ibiddel l-iskrittura u dan għax qal li kien mgħaġġel.

8. Xehed **Marco Mercieca**, fejn fisser li xogħlu huwa ta' *corporate service provider*, fejn joffri s-servizzi tiegħu għal klijenti lokali u barranin. Aria Chartering Ltd kienet waħda minn dawn il-kumpaniji fejn kien ukoll direttur u allura kien responsabbli tal-operat u l-*management*. Ifisser li fir-rigward tal-attriċi huwa kien innegozja l-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħha u dan bħala direttur, fuq gwida però tal-*beneficiary owners*. Jgħid li l-*beneficiary owners* u l-attriċi kienu tkellmu u huwa kien rrediġa l-kuntratt. Skont dak maqbul bejniethom. Ix-xhud ġie mistoqsi x'kien wassal sabiex ikun hemm tnaqqis fil-paga tal-attriċi u x-xhud fisser hekk:

> “insejt id-dettalji precizi, pero' li kien gara huwa biex izzomm tnejn

[6] Fol 48 tal-proċess.
[7] Fol 49 tal-proċess.

minn nies fuq dghajsa, mhijiex dghajsa enormi, biex izzomm tnejn minn nies fuq dghajsa tul is-sena shiha kienet qed tiswa wisq lili bhala Direttur u lis-sidien, il-beneficiary owners. Allura li konna ghidna li nzommu biss lill-Kaptan ghal tnax-il xahar u mbaghad inzommu stewardess ghax-xhur tas-sajf meta tintuza u meta jkun hemm bzonn izjed fuq il-bastiment. Ahna konna gharrafna lis-Sinjura Busalacchi li hemm cans li nghidulha li ma hemmx xoghol ghaliha tul it-tnax-il xahar u ovvjament din bic-cans li titlef ix-xoghol taghha ma tantx haditha tajba, pero' li konna ghamilna, konna, we negotiated the contract biex jonqsilha l-paga fix-xahar pero' hi jkollha paga tul it-tnax-il xahar tas-sena."[8]

Ix-xhud jgħid li qatt ma ġie ffirmat kuntratt bil-kundizzjonijiet il-ġodda, iżda wara li sar dak il-ftehim l-attriċi bdiet titħallas il-paga l-ġdida kif miftiehma u hi baqgħet taħdem fuq il-bastiment. Ix-xhud fisser li l-bastiment kien ser jinbiegħ iżda wara li saret id-*due diligence* meħtieġa, il-bejgħ ma sarx u l-bastiment baqa' għand l-istess persuni u hu baqa' direttur. Jgħid li huwa kien tahom xahrejn paga wara li jiġi terminat il-kuntratt u li m'għandhomx xejn x'jitolbu mill-kumpanija konvenuta. Mistoqsi jekk kienx hemm diskors dwar l-arretrati waqt li ġie iffirmat il-ftehim ta' terminazzjoni, ix-xhud irrisponda li l-kuntratt kien ċar. Mistoqsi jekk huwa kienx qarraq bl-attriċi, ix-xhud jgħid li żgur li le u li kieku l-attriċi ħasset li kien qarraq biha ċertament ma kinitx terġa' tmur għandu sabiex jipprovdi s-servizz tiegħu għat-twaqqif ta' negozju tagħha ġewwa Malta.

Ikkunsidrat

**Fatti Rilevanti**

9. B'kuntratt tal-20 ta' Frar 2011 l-attriċi ġiet ingaġġata fuq bażi indefinit mas-soċjetà konvenuta bħala Stewardess fuq il-bastiment My Aria. Is-salarju dettat fl-imsemmi kuntratt kien ta' €26,500 fis-sena maqsumin fuq tnax-il xahar (ċioe €2,208.33 fix-xahar), magħhom jiżdiedu l-

[8] Fol 154 tal-proċess.

bonuses statutorji kif ukoll *"an additional bonus equal to two (2) months' salary will be given by the Employer as a performance bonus at the end of the year."*[9]

10. Mill-1 t'Ottubru 2011 il-paga bdiet tonqos fejn l-ewwel niżlet għal €1,800 u mill-1 ta' Jannar 2012 niżlet għal €1,429 fix-xahar.[10]

11. Sussegwentement b'kuntratt tas-7 ta' Diċembru 2013 l-impjieg tal-attriċi ġie fi tmiemu b'effett mill-31 ta' Diċembru 2013 bis-segwenti kundizzjonijiet:

> *"saranno erogate le mensilita di Dicembre (periodo 1-31) 2013 piu la quattodicesima, Gennaio (periodo 1-1) 2014 e Febbraio (periodo 1 – 28) 2104.*
>
> *Firmando, qui sotto, Lei dichiara di non aver nulla da pretendere e ottenere dalla Società, rinunciando a qualsiasi possibile causa futura."*[11]

12. Fi żmien tlett xhur mill-iffirmar tal-kuntratt ta' terminazzjoni, l-attriċi resqet l-azzjoni odjerna fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-kunsens tagħha mogħti fis-7 ta' Diċembru 2013 kien ingħata bi żball (Artikolu 976 tal-Kapitolu 16) jew b'qerq (Artikolu 981 tal-Kapitolu 16). Talbet ukoll lil din il-Qorti tiddikjara, tikkundanna u tordna lis-soċjetà konvenuta tħallasha is-somma ta' €31,386 jew somma verjuri rappreżentanti l-arretrati tas-salarju kif suespost, flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-istess arretrati.

13. Fit-28 ta' Marzu 2014 l-attriċi intavolat proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fejn talbet lill-imsemmi Tribunal jiddikjara li s-soċjetà konvenuta waqqfitha mix-xogħol mingħajr ebda raġuni tajba u suffiċjenti fil-liġi u konsegwentement jiffissa u jikkundanna lis-soċjetà

[9] Fol 6 tal-proċess.

[10] Skont it-tabella a fol 27 tal-proċess.

[11] Fol 7 tal-proċess.

konvenuta tħallasha kumpens xieraq.

14. B'deċiżjoni tal-4 t'April 2018, it-Tribunal Industrijali għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-każ kollu jinpernja ruħu fuq il-ftehim bonarju ta' terminazzjoni ta' l-impjieg iffirmat mir-Rikorrenti fis-7 ta' Diċembru 2013. Intqal li dan il-ftehim ġie iffirmat bl-għaġġla u mingħajr żmien biex ir-Rikorrenti tikkonsulta ma' avukat. Kważi kważi ġie insinwat illi meta r-Rikorrenti iltaqgħet fl-uffiċċju tal-Intimati biex tiffirma l-kuntratt kienet assolutament fjakka mill-kondizzjonijiet li kien fih. Jidher li dana ma kienx il-każ għax għad li ma kienetx rat it-test tal-kuntratt li iffirmat kienet ġa ġiet infurmata li kellha ssir t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha. Għad li l-kundizzjoni li instagħabet fiha r-Rikorrenti dak is-Sibt filgħodu meta marret tiffirma l-kuntratt kienet xi ftit dominata minn għaġġla da parti tal-Intimati għax kienu se jsiefru dritt wara ma jirriżultax li kien hemm xi sfurzar biex jiġi ffirmat il-kuntratt. It-Tribunal ma jistax bl-ebda mod jiddikjara li l-ftehim ma jorbotx bħal ma speċi qed tippretendi r-Rikorrenti. Il-fatt ukoll li kien miktub bit-Taljan li kienet il-lingwa tar-Rikorrenti kienet ċara biżżejjed biex tifhem il-kontenut tal-ftehim. Jidher b'mod ċar ħafna li l-preokkupazzjoni tar-Rikorrenti dakinhar tal-firma kienet iktar il-flus allegatament neqsin mis-salarju tagħha fuq perijodu ta' żmien milli t-terminazzjoni tal-kuntratt lavorattiv tagħha. Tant hu hekk illi meta mistoqsija mit-Tribunal għaliex qedha quddiemu t-tweġiba immedjata tagħha kienet li kienu naqqsulha €800 kull xahar mill-paga tagħha (seduta 29.3.17 fol 11). Il-liċenzjament allegatament illegali issemma biss wara speċi b'mod sekondarju. It-Tribunal mhux fi ħsiebu jidħol fil-każ allegat ta' nuqqas fis-salarju l-ewwel nett għaliex dan ma jaqax taħt ir-*remit* tiegħu u wkoll għaliex din it-talba ma ġietx inkluża fir-Rikors Promotorju tar-Rikorrenti."[12]

Kien għalhekk li ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-attriċi minn mas-soċjetà konvenuta kien sempliċiment riżultat ta' ftehim

[12] Fol 66 tal-proċess li jinsab a fol 169 tal-proċess odjern.

bonarju.

**Konsiderazzjonijiet**

15. Din l-azzjoni ssib l-għejun tagħha fl-**Artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi li *"jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa*."

16. Bħala punt ta' tluq il-Qorti tosserva li nonostante li fl-ewwel talba attriċi qiegħda tintalab dikjarazzjoni li l-kunsens tal-attriċi ingħata bi żball, fil-paragrafu 28 tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tgħid li "*mill-provi irriżulta bl-aktar mod ċar illi Elda Francesca Busalacchi qatt ma kienet ser tiffirma l-ftehim kieku kienet taf x'inhija u iffirmatu biss għax ħasbet illi kienet ser titħallas l-arretrati tas-salarju kif suespost. Illi dan ma kienx żball iżda qerq*"[13]. Is-sottomissjonijiet li segwew tali dikjarazzjoni kienu unikament fuq il-kwistjoni ta' qerq u mhux żball[14]. Li ma kienx hemm żball, kompliet tiġi enfasizzata fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti meta l-legali tal-attriċi saħqet li "*mhux qed ngħidu li sar żball, din importantissima li ninsisti fuqha*"[15]. Fid-dawl ta' l-fatt li l-attriċi rrinunzjat għal allegat żball, il-Qorti sejra tillimita l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-kunsens mogħti b'qerq.

17. Qabel tgħaddi għal mertu tal-kawża, il-Qorti sejra l-ewwel tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fuq l-ewwel eċċezzjoni.

**Eċċezzjoni preliminari – inammissibilità tat-talbiet**

18. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà konvenuta eċċepiet l-inammissibilità tal-talbiet *"stante li l-ewwel talba qiegħda titlob biss unikament dikjarazzjoni ta' nullità <u>tal-kunsens</u> tar-rikorrenti u mhux ukoll ir-rexxissjoni tal-ftehim datat 7 ta' Diċembru 2013. F'dan il-kwadru, dina l-Onorabbli Qorti anke kieku kellha*

[13] Fol 206 tal-proċess.

[14] Ara b'mod partikolari paragrafu 58 u 59 tan-nota ta' sottomissjonijiet attriċi.

[15] Fol 247 a tergo tal-proċess.

*ipotetikament tilqa' l-ewwel talba attriċi qatt ma tkun tista' tgħaddi sabiex tilqa' it- talbiet l-ohra.”*

19. Fit-trattazzjoni orali, is-soċjetà konvenuta fissret li meta ssir allegazzjoni li l-ftehim ittieħed b’kunsens karpit b’dolo, xorta għandu jkun hemm talba għall-annullabilità tal-kuntratt u mhux sempliċiment dikjarazzjoni li l-kuntratt huwa null *ab initio.* Kompliet tgħid illi l-ewwel talba tal-attriċi *“hija biex il-Qorti mhux tiddikjara li l-kuntratt huwa null imma li l-kunsens huwa null jiġifieri lanqas biss hemm talba fl-ewwel talba mressqa u fl-ebda mit-talbiet l-oħrajn biex il-kuntratt jiġi dikjarat null [...*]”[16]

20. L-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta issib il-bażi tagħha fuq l-**Artikolu 974 tal-Kapitolu 16** fejn il-kliem użat mhux “”ikun null” iżda “ma jkunx jiswa”: *“jekk il-kunsens ikun ġie mogħti [...] b’għemil doluż, ma jkunx jiswa*” ċioe l-kunsens ma jkunx jiswa u mhux il-kuntratt.

21. Kuntratt ikun jiswa kemm-il darba jkunu sodisfatti r-rekwiżiti essenzjali u ċioe li l-partijiet ikunu kapaċi jikkuntrattaw; li jkun hemm il-kunsens ta’ dak illi jobbliga ruħu; li l-oġġett tal-kuntratt tkun ħaġa żgura; u finalment il-kawża tal-obbligazzjoni tkun waħda leċita.[17] Ingħad fis-sentenza **Alfred Scicluna noe vs. Citadel Insurance p.l.c.** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta’ Ġunju 2008 li *“Jekk xi wahda minn dawn ir-rekwiziti essenzjali tkun nieqsa dak il-kuntratt ghandu jigi kunsidrat “**null**”*[18] *ab initio u hadd ma jista’ jippretendi xi drittijiet emanenti mill-istess kuntratt*.”

22. B’referenza għal kliem “ma jkunx jiswa” tal-Artikolu 974, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet fil-kawża **Ian Busuttil vs. Carmen Taliana** deċiża fis-6 ta’ Diċembru 2002 illi:

---

[16] Fol 248 tal-proċess.

[17] Ara **Artikolu 966 tal-Kapitolu 16**.

[18] Enfasi tal-Qorti tal-Appell.

"Kif gie drabi ohra deciz mill-Qrati taghna, il-kliem 'ma jkunx jiswa' f'dan l-artikolu m'ghandhomx l-istess sinifikat tal-kliem 'ikun null'. Jekk il-kunsens ikun vizzjat a termini ta' l-imsemmi artikolu l-att ikun invalidu imma mhux anki null. Jekk hemm vizzju tal-kunsens, bhala konsegwenza jkun vizzjat il-kuntratt bazat fuq dak il-kunsens, u l-vizzju jaghti lok ghal azzjoni ta' nullita`, li in segwitu ghaliha l-kuntratt ghandu jaqa'. Pero` l-kuntratt ma jkunx inezistenti imma biss annullabbli, ghaliex l-izball, il-vjolenza u l-eghmil doluz , ma jimpedux l-ezistenza tal-kunsens. Mentri l-att null ma ezista qatt, l-att annullabbli isehh sakemm ma jigix mhassar."

23. Din il-linja ta' ħsieb kompliet tiġi adottata mill-Qrati nostrana, fosthom minn din il-Qorti kif diversament preseduta fit-28 ta` Frar 2006 fil-kawża **Robert Forace vs. Edwin Bonello** fejn ġie meqjus li:

"Il-vizzju tal-kunsens ma jwassalx ghan-nullita` tal-kuntratt, izda ghall-annullabilita` tieghu, u l-ftehim jitqies validu sakemm ma jigix rexxiss mill-Qorti. It-talba ghar-rexxissjoni ta` ftehim mhux miftuha lill-kulhadd, izda tista` issir biss minn dik il-parti li tallega li l-kunsens taghha kien vizzjat. ("Pizzuto vs Schembri", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Settembru, 2002).

Il-gurista Giorgi ("Obbligazioni" Vol. VIII pag. 146) jghid li "*L`azione rescissaria e` il mezzo giuridico concesso al contraente, che si obbligo` invalidamente e fu leso dal contratto, di liberarsi dagli effetti pregeudicievoli dell`assunta obbligazzione invalido, ottenendone l`annullamento*".

24. Il-Qorti tal-Appell fil-kawża **Elena Agius vs. Giuseppe Ciancio** deċiża fit-3 ta' Frar 1936 kif kwotata mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fil-kawża bl-ismijiet **Rosario Cortis vs. Angelo Farrugia et** mogħtija fis-27 ta' Mejju 2022 fissret li:

"Il-kelma nullita' hija uzata fix-xjenza guridika f'zewg sensi, wiehed fis-sens proprju ta' "inezistenza", jigifieri kuntratt null ma jkunx jezisti u qiesu qatt ma sar, u l-iehor ta' "annulabilita"', jigifieri meta kuntratt jew att iehor jista' jezisti u jibqa' jsehh sakemm ma jigix imhassar u mwaqqa' ghal xi raguni li ssemmi u trid il-ligi."

25. Relevanti huwa dak li ingħad minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Victor Denaro et vs. Msida Red Stars Amateur Football Club et** deċiża fl-24 ta` Novembru 2016[19]

> "F`din il-materja l-gurisprudenza interpretattiva taghmel distinzjoni bejn kazijiet ta` rexxissjoni ta` kuntratt (annullabilita`) u dawk ghad-dikjarazzjoni ta` nullita` assoluta; u tinsenja li l-artikolu 1224 ma japplikax ghall-kazijiet ta` nullita` ghax filwaqt li dan l-artikolu "*si tratta di azione di rescisione di un` obligazione*" li necessarjament tippresupponi l-ezistenza ta` obligazzjoni, in-nullita` assoluta necessarjament teskludi l-ezistenza totali talobbligazzjoni ("**Psaila vs Psaila**" A.C. 1876 - Vol.VII.632; "**Spiteri vs Soler**" A.C. 1937 Vol.XXIX.i.1087; u "Saliba vs Saliba" A.C. 1950 Vol.XXXIV.i.79; "**United Automobile Limited vs A. Bonello Limited**" P.A. - 23 ta` April, 2004).

26. Ingħad fis-sentenza **Philip Petroni vs. John Mifsud et** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-2 ta' Diċembru 2022:

> "12. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li parti li jkollha sehem fi ftehim tista' titlob it-tħassir ta' dak il-ftehim minħabba ċirkostanza li tkun nisslet in-nullità tal-istess. [...] kliem il-Professur Caruana Galizia, «*Rescission is a juridical means and it therefore necessarily implies a demand made by one who has an interest either by way of action, if the contract has already been executed, or by way of exception, if he is called before the Court for its execution.*» (ara Caruana Galizia, Notes on Civil Law: Obligations, paġna 375)
>
> [...] Id-duttrina ftit li xejn issib distinzjoni bejn azzjoni ta' tħassir u dik ta' nullità ta' kuntratt, tant li dawn huma meqjusa bħala sinonimi (ara **Mediterranean Flower Products Limited v. Flower Power (Sales) Limited et**, Appell Superjuri, 30 ta' Settembru, 2016). Kif huwa mgħallem mill-ġurista Laurent,

[19] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-10 ta' Jannar 2022.

*"Il codice civile equipara l'azione di nullità a quella di rescissione, per meglio dire, non vi sono più due azioni, ma soltanto una, che la legge qualifica indifferentemente azione di nullità, o azione di rescissione. Gli è in forza di ciò che la nostra sezione ha per titolo: Dell'azione di nullità, o azione di rescissione. La legge non dice delle azioni: ve n'è dunque soltanto una … Non vi è del resto nei nostri codici alcuna traccia di una differenza fra le due azioni*."

Waħda mill-effetti tat-tħassir ta' kuntratt hija li l-partijiet jerġgħu jitqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel il-ftehim (ara l-**artikolu 1209(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**), b'dan li kull parti tkun trid trodd lura lill-oħra kulma tkun daħħlet b'effett tal-kuntratt jew bis-saħħa tiegħu (ara l-**artikolu 1209(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**)."[20]

27. Is-soċjetà konvenuta tgħid li t-talbiet huma inammissibbli stante li ma saritx talba għar-rexxissjoni tal-kuntratt.

28. Skont l-**Artikolu 1212 tal-Kodiċi Ċivili**, *"ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni."*

29. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Settembru 2019 fil-kawża **Salvina sive Sylvia Bugeja vs. Albert Debono et** spjegat li:

"Ladarba jinsab assodat li l-kunsens tal-attrici fuq il-kuntratt gie ottenut b'eghmil doluz da parti tal-konvenuti, u skont l-artikolu 974, dan ma jiswiex ghaliex hemm nieqsa kundizzjoni essenzjali biex kuntratt ikun jiswa, dak il-kuntratt huwa suggett ghal rexxissjoni."

30. Dan kollu meqjus il-Qorti tibda billi tosserva li għalkemm l-attriċi kienet fil-libertà li tagħmel talba għar-rexxissjoni stante li l-qerq jagħti lok għar-rexxissjoni tal-kuntratt ai termini tal-Artikolu 1212 tal-Kapitolu 16, in-nuqqas ta' tali talba ma jistax iwassal sabiex jingħad li

[20] Sar appell iżda din il-parti tas-sentenza ma ġietx appellata – deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) ingħatat fil-31 ta' Mejju 2023.

t-talbiet huma inammissibbli.

31. Talbiet ikunu meqjusa inammissibbli meta per eżempju jkun hemm talbiet alternattivi li huma kontradittorji, dijametrikament opposti u konfliġġenti (*allegans contraria non est audiendus*), meta żewġ azzjonijiet ma joqgħodux flimkien[21], meta t-talba tmur kontra l-ordni pubbliku, jew tkun talba illeċita u/jew illegali. Iżda l-fatt li jkun hemm nuqqas ta' talba ma jwassalx għall-inammissibilità tat-talbiet. Nuqqas ta' talbiet iwassal biss sabiex ma jiġux deċiżi dawk l-affarijiet li ma ntalbux għax altrimenti l-Qorti tkun qiegħda tagħti deċiżjoni *ultra petita*.[22]

32. Ma' dan kollu, il-Qorti tqis ukoll li huwa ormai ben stabbilit li m'huwiex il-konvenut li għandu jiddetta x'inhi l-azzjoni li għandu jieħu l-attur u x'talbiet għandhom jitqiegħdu quddiem il-Qorti. Ingħad fis-sentenza **Frank Pace et vs. Kummissarju ta' l-Artijiet** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Frar 2004**,** li huwa

> "prinċipju ewlieni fil-proċedura li l-azzjoni jagħżilha l-attur u mhux il-parti mħarrka u m'huwiex imħolli għall-parti mħarrka li tissuġġerixxi x'azzjoni messu ressaq l-attur. Huwa fuq l-azzjoni kif proposta li l-Qorti tintalab tagħti l-ġudizzju tagħha, u mhux fuq x'azzjoni seta' jew messu ressaq l-attur."

33. Fid-deċiżjoni tagħha tal-20 ta\` Mejju 2004 fl-ismijiet **Bonello Emmanuel A. C.P.A., A.C.A., Noe vs. Fenech Francis,** din il-Qorti diversament ippreseduta reġgħet kkonfermat dan il-prinċipju u osservat li l-kawżali ta' Ċitazzjoni (fil-każ odjern tar-rikors ġurament) jintgħażlu minn min ikun qiegħed jiftaħ il-kawża u mhux imħolli lill-

---

[21] Per eżempju, huwa stabbilit li azzjoni pussessorja ma jmisshiex titressaq flimkien ma' waħda petitorja, jew li l-azzjoni ta' reintegrazzjoni tal-pussess (l-*actio spolii*) ma titressaqx flimkien mal-azzjoni taż-żamma fil-pussess (l-*actio manutentionis*) u dan minkejja li t-tnejn huma azzjonijiet pussessorji.

[22] Dwar nuqqas ta' talba meqjusa meħtieġa, ara **Tigran Arutyunyan vs. Property Consultants ATW Ltd** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Marzu 2017.

konvenuti li, permezz tal-eċċezzjoni tagħhom, jgħidu li jmissha saret azzjoni mod ieħor.

34. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) riċentement proprju fit-30 t'April 2024 fil-kawża fl-ismijiet **Clement Okoro vs. Bord tal-Appell dwar ir-Refuġjati** irriteniet li:

> "Huwa prinċipju ewlieni fil-proċedura li l-azzjoni jagħżilha l-attur u mhux il-konvenut. Huwa fuq l-azzjoni kif proposta li l-Qorti tintalab u hija marbuta li tagħti l-ġudizzju tagħha, u mhux fuq x'azzjoni li setgħu jew messhom ressqu l-atturi jew li seta' kellhom f'moħħom iżda mbagħad aġixxew mod ieħor. Huwa għalhekk li l-Qorti għandha obbligu li tiddeċiedi l-kawża fil-parametri tat-talbiet li tressqu mill-attur u mhux fuq talbiet oħra li potenzjalment jistgħu jġibu riżultat aħjar lill-attur. (**Maria Antonia Borg v. Daniel Gambin et**. - Appell Superjuri - 27 ta' Jannar, 2017; **Carmelo Cassar vs Victor Zammit** - Appell Inferjuri - 23 ta' Ġunju 2004)."

35. Mill-qari tar-rikors promotur jidher li l-attriċi m'hijiex tattakka l-ftehim kollu iżda limitatament dik il-parti tal-ftehim fejn ġie maqbul li hija m'għandha tieħu xejn minn għand is-soċjetà konvenuta meta b'kunsens qarrieqi hija qablet ma' dik il-parti tal-ftehim.

36. Meqjusa dawn il-konsiderazzjonijiet b'mod partikolari l-libertà tal-attriċi li tressaq it-talbiet kif tqies xieraq ġaladarba jitqiegħdu fil-limiti permessi, il-Qorti ma tqisx li għandha tiddikjara li t-talbiet attriċi huma inammissibbli.

**37. Tiċħad għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.**

Ikkunsidrat

**Mertu - Allegat qerq**

38. Hu prinċipju konsolidat illi l-partijiet għandhom jeżegwixxu l-kuntratt ta' bejniethom bil-*bona fede* (**Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili**). Huma jridu jassikuraw li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt issir skond l-intenzjoni paċifika li raġonevolment iridu jaslu għaliha l-partijiet fin-negozju ta' bejniethom. Il-*bona fede* hi dejjem preżunta.

39. L-**Artikolu 981** tal-Kodiċi Ċivili jippreskrivi li "*l-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta*." L-istess artikolu jkompli jgħid li dan "*l-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat*." Ifisser għalhekk li l-piż tal-prova jaqa' fuq l-attriċi.

40. In tema ġenerali l-Qorti tagħmel referenza għal każ **Rita Camilleri et vs. Marco Gaffarena et** deċiż fis-26 ta' Mejju 2017 fejn il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) spjegat li:

"Ikun utli li l-ewwel jigu traccati certu insenjamenti in materja ta' ghemil doluz jew qarrieqi. Il-qerq huwa stat ta' zball li fih taqa' l-persuna minhabba l-agir doluz ta' haddiehor. Il-ligi taghna tipprovdi (artikolu 981(2) tal-Kodici Civili) li ghemil doluz ma jistax ikun prezunt izda jrid jigi ppruvat. Fil-kaz tal-qerq, l-izball huwa pprovokat u kkagunat mill-agir doluz tal-kontro-parti. Kif jghid Giorgi ("Teoria delle Obbligazioni", Volume IV, Libro II, Part II, p. 46):

"*il dolo è una forma speciale di errore avente per carattere proprio di essere cagionato dalla mala fede dell'altro contraente.*"

Fil-kawża fl-ismijiet **Reverendu Sacerdot Don Francesco Zammit et vs. Avukat Dottor Anthony Farrugia et** deċiża fil-31 ta' Marzu 1967 mill-Qorti tal-Appell (sede Kummerċali) ingħad:

"… id-dolo jikkonsisti fir-rieda hazina ta' wiehed mill-kontraenti li topera permezz ta' qerq ('raggiri') biex tiddevja r-rieda tal-iehor billi tipprovoka zball ('errore'). Infatti, ikkonsidrat min-naha tad-

deceptor, id-dolo hu raggir waqt li, kkonsidrat min-naha tad-deceptus, hu zball. Il-ligi, li diga' tikkontempla l-izball bhala vizzju tal-kunsens ghar-rasu, thares f'dan il-kaz aktar il-boghod lejn il-kawza tieghu u twassal ghall-annullament tal-kuntratt anki meta l-izball ma jkunx guridikament sufficjenti biex wahdu igib ghan-nullita".

Inoltre l-ingann irid ikun il-kawza determinati li ta lok ghal ftehim li ghaqqad in-negozju bejn il-kontraenti u jrid ikun imwettaq minn wahda mill-partijiet ghall-kuntratt."

41. Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li intqal mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fil-kawża fl-ismijiet **George Said et vs. Gaudos Development Limited** (deċiża fil-25 ta' Mejju 2007, fejn ġew senjalati l-prinċipji segwenti:

"(a) Kif tajjeb nghad fil-kawza fl-ismijiet **Gourmet Co ltd et vs Mariano Vella** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 2001:-"*L-iskritturi li jikkrejaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti kellhom jigu prezunti illi huma validi u li fedelment jirriflettu l-volonta' kontrattwali taghhom. Min jallega l-kontra u jadduci propju l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizjat tali kunsens, kellu biex jirnexxi fl-azzjoni, jipproduci provi univoci, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretenzjonijiet tieghu*".

(b) Il-qerq m'huwa qatt prezunt izda jrid jigi pprvuat. L-oneru tal-prova li gie ezercitat xi qerq tinkombi fuq min jallegah. Trid issir il-prova li parti wahda uzat "*scienter*" raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi (**Joseph Mifsud nomine -vs- Paul Tanti** deciza fl-4/2/1965 u **Josephine mart Francis Galea -vs- Perit Walter Caruana Montaldo** deciza fis-16/12/1970).

(c) F'kaz ta' dubju, dan ghandu jmur favur il-parti l-ohra, in vista tal-prezunzjoni tal-istabbilita' tal-kuntratti. Skond il-gurisprudenza, "(1) *il mantenimento dei contratti e` di interesse generale purche e`*

*principio di ordine pubblico; siffatto considerazione impone che nelle cause d'impugnazione di contratti per vizio di consenso si procede con massima circospezione perche non si abbia ad annulare un'atto che dovrebbe rimanere in vigore* **Innocenzo Galea -vs- M. Zammit**, Appell Civili, 3 ta' Dicembru 1919 (Vol. XXIV.I.203);

(d) Sabiex ikun hemm il-qerq, irid ikun hemm raggiri li huma kapaci li jaghtu lill-parti l-ohra tifhem haga minflok ohra, u jridu jkunu gravi u determinanti. Dan fis-sens li dik il-parti li fuqha jkunu saru r-raggiri ma kienitx tasal biex taghmlu kieku ma kienx hemm dawk ir-raggiri.

(e) *"Illi l-qerq ma jistax jig allegat meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta' zejda mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex f'kaz bhal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq*" **George Portelli et vs Ivan John Felice** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju 2004.

(f) Fir-rigward tal-oneru tal-prova, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Roland Schaffrath vs Travel TV plc** deciza fit-28 ta' Gunju 2001 osservat:- *"…l-Qorti trid taghmilha cara li f'kull kawza, l-attur irid jipprova l-kaz tieghu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-ligi tal-procedura u skond il-haqq. Attur ma jistax inehhi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella ghas-sens tal-hniena jew dehen arbitrali tal-gudikant minghajr ma jaghti hjiel ta' prova ta' dak li qed jitlob*". Ma' dan jizdied li *"…..l-anqas huwa accettabbli r-ragunament ta' l-appellanti fis-sens li l-attur ma jehtiegx li f'kull kaz jipprova l-kaz tieghu a sodisfazzjon tal-Qorti mill-bidu sa l-ahhar. Kull process guridiku huwa essenzjalment wiehed ta' provi li jwassal ghall-konvinciment mehtieg*" (**Paul Vassallo et vs Carmelo Pace** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu 1986)."

42. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Joseph Mary Cutarajer et vs. S. C. & Co. Ltd** mogħtija fil-5 t'Ottubru 2023 irriaffermat dawn il-prinċipji:

"59. Huwa magħruf li l-qerq mhuwiex preżunt iżda għandu jiġi ppruvat (ara l-**Artikolu 981(2**) tal-Kodiċi Ċivili). Fil-liġi tagħna l-prova tal-qerq trid issir mill-parti li tallegah (ara **Reverendu Saċerdot Don Francesco Żammit v. Avukat Dottor Anthony Farrugia et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fil-31 ta' Marzu, 1967). Minbarra dan, hija trid turi wkoll li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew l-intenzjoni li tqarraq b'tali mod illi tkun nisġet skema bi ħsieb partikolari li tilgħab lill-parti l-oħra biex tersaq għall-ftehim (ara **Caruana Galizia, Notes on Civil Law – Obligations**, paġna 272 u s-**sentenza Ian Busuttil et v. Carmen Taliana** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru, 2002).

60. Biex il-qerq jagħti lok għat-tħassir ta' rabta kuntrattwali, irid jintwera li l-għemil diżonest u l-iskemi mħaddma mill-parti li tkun qarrqet iwasslu lill-parti l-oħra li tersaq għall-ftehim bil-fehma li l-elementi essenzjali tal-kuntratt ikunu mod, meta fil-fatt dawk l-elementi jew uħud minnhom ikunu mod ieħor (ara P**.L. Joseph Zammit noe v. Joseph Fenech** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Marzu, 2004).

61. Fuq kollox, dak il-qerq irid ikun ta' tali gravità u serjetà, li kieku ma jkunx għalih, il-parti l-oħra ma kinitx tersaq għall-ftehim (ara **Rita Camilleri et v. Marco Gaffarena et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2017)."

43. Mill-iskorta tal-ġurisprudenza sukwotata jirrizulta li sabiex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d) li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni.

44. Tgħaddi issa l-Qorti sabiex tapplika l-liġi u l-ġurisprudenza applikabbli għall-każ odjern.

45. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tfisser li hija qatt ma kienet tiffirma l-ftehim kieku kienet taf li mhux ser titħallas l-arretrati tas-salarju; iffirmat minħabba l-insistenza tad-direttur tas-soċjetà konvenuta li dak inhar kellu jiġi konkluż kollox u għaliex kien mgħaġġel ma riedx jagħmel tibdil fil-ftehim. Tissottometti wkoll li r-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta kien wiegħda li ser tirċievi l-arretrati tas-salarju wara li tiffirma l-ftehim u kien minħabba dan il-kliem qarrieqi li hija ffirmat il-ftehim fis-7 ta' Diċembru 2013.

46. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-ftehim kien skritt bil-lingwa Taljana, il-lingwa użata u mitkellma mill-attriċi. Il-kliem użat fl-iskrittura huwa sempliċi u ċar b'mod li t-tifsira li wieħed jista' jagħti lill-kontenut ta' dan id-dokument ma jħalli ebda lok għall-interpretazzjoni: "*Firmando, qui sotto, Lei dichiara di non aver nulla da pretendere e ottenere dalla Società, rinunciando a qualsiasi possibile causa futura*."[23]. Mill-provi rriżulta li l-attriċi kienet qrat il-ftehim qabel iffirmatu, tant li ndunat li l-ftehim ma kien qiegħed jagħmel ebda referenza għall-arretrati tas-salarju.

47. Il-Qorti tosserva wkoll li għalkemm jista' jkun li d-direttur tas-soċjetà konvenuta kien mgħaġġel għaliex ried isiefer, il-laqgħa damet bejn tletin u ħamsa u erbgħin minuta u dan kif ammess mill-attriċi stess. Indikazzjoni din li għalkemm kien hemm ċerta għaġla ma kinitx dik l-għaġla li hija ma kellhiex ċans taqra l-ftehim jew li ma kellix ċans tiddiskuti l-kontenut tal-ftehim. Pjuttost jiġi nnotat minn din il-Qorti li l-attriċi stess tgħid li hija kienet iddiskutiet ma' Marco Mercieca, d-direttur tas-soċjetà konvenuta dwar l-arretrati tagħha. U nonostante li kien hemm dawk il-kontestazzjonijiet hija għażlet minn rajha mingħajr ebda pressjoni żejda, tiffirma l-ftehim mingħajr riżervi.

48. Ingħad fil-ġurisprudenza nostrana li:

[23] Fol 7 tal-proċess.

"Jghodd sew ghal dan il-kaz il-bran mid-decizjoni fl-ismijiet **G. Germani Mifsud et v. Chierico F. Bonnici** (Appell Kummercjali, 4 ta' Gunju, 1910) kif riportat ukoll fis-sentenza **Anthony Piscopo v. Charles Filletti** (Prim' Awla, 16 ta' Gunju, 2003): *"e' mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezione ne` offesa…se non e` stata impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall'onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non puo` ascoltare la voce di colui che non puo` la slealta` altrui senza gettare sopra se stesso la traccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatibile fiducia poteva molto facilmente essere istruita*."[24]

49. Irrispettivament jekk huwiex minnu li Marco Mercieca kien wiegħda li ser tirċievi l-arretrati tas-salarju wara li tiffirma l-ftehim, l-attriċi ma kellhiex tidħol fi ftehim bħal dak mingħajr riżervi aktar u aktar meta kif tgħid hi stess kienet ilha sentejn tiġri wara Marco Mercieca sabiex itiha l-arretrati tas-salarju. L-attriċi kellha tkun għaqlija biżżejjed li tagħraf li Mercieca ma kienx affidabbli u mal-mument li ser tiffirma dak il-ftehim hija ser titlef il-jedd li titlob l-arretrati anke jekk verbalment wiegħda li ser itihomlha wara li tiffirma tali ftehim. L-attriċi kellha tagħraf li wara li kienet ilha sentejn tiġri warajh u qatt ma waslu, li ma setgħatx tipporċedi b'kawża għall-arretrati minnha pretiżi ġialadarba tiffirma dik l-iskrittura li kienet tgħid ċar u tond illi ma setgħatx tfittex lis-soċjeta konvenuta għall-arretrati. L-attriċi faċilment kellha tinduna li qed tirrinunzja għal jeddijiet tagħha jekk tiffirma l-ftehim li kellu min-natura ta' transazzjoni.

50. Fil-kawża **Anthony Piscopo vs. Chalres Filletti**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Ġunju 2003, intqal li *"ma jistax jigi allegat frode meta l-fatti kienu facilment accertabbli; ikun tassew facli*

[24] Ara wkoll **Frank Frendo et vs. Joseph Vella et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) tat-3 ta' Marzu 2011.

*kieku kellu jigi accettat illi bl-iskuza tal-allegata mala fede da parti ta' wiehed mill-kontraenti, il-kontraent l-iehor japprofitta ruhu biex jezimi ruhu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex ihassar u jannulla ftehim konkluz".* Hekk ukoll fil-kawża **George Portelli et vs. Ivan John Felice**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Lulju 2004, ġie imtenni li "*l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabiliti bla xkiel jew diffikulta' żejda mill-parti li tallega l-qerq, għaliex f'każ bħal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx għajr skuża faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament użat il-qerq. [P.A. TM **4.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet **P.L. Joseph Żammit noe et vs Joseph Fenech et**]*".

51. Ġie ritenut ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Alf. Mizzi & Sons vs. More Supermarkets et** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2017 li

    "Sabiex ikun hemm "raggir" mhux bizzejjed il-predominju akkwistat jew ezercitat minn persuna fuq ohra sabiex iggieghelha taghmel il-kuntratt, izda huwa mehtieg element specifiku kostitwit mir-rapprezentazzjonijiet foloz, artifizji frawdolenti, mill-qerq, uzati bhala mezz sabiex iqarrqu bl-intelligenza skarsa tal-kontraent l-iehor."

    Il-Qorti spjegat li barra minn hekk, huwa mehtieg li r-raggiri wzati minn wiehed mill-kontraenti fuq l-iehor kellhom ikunu tali li minghajrhom il-kuntratt ma kienx isir. Fi kliem iehor, l-ingann irid ikun il-kawza determinant li ta lok ghal ftheim. Id-dolo jew frodi ma huwa qatt prezunt izda jrid jigi pruvat minn min jallegah.

52. Għaldaqstant sabiex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta` dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq.

53. Din il-Qorti issibha ferm diffiċli temmen li ma ddaħħlitx referenza fil-ftehim dwar l-arretrati għaliex kien hemm għaġġla min-naħa tas-soċjetà konvenuta. Kif ġia ritenut, il-laqgħa damet bejn tletin u ħamsa u erbgħin minuta u ċertament li żieda bil-pinna fuq il-ftehim jew fuq

karta separata li kien hemm arretrati pendenti u li qiegħed jiġi ffirmat mingħajr preġudizzju għalihom, ma kinitx ser tieħu aktar minn ħames minuti.

54. In oltre l-attriċi tgħid li kien hemm qerq ukoll meta s-soċjetà konvenuta sejħitilha sabiex jiffirmaw il-ftehim fil-ġurnata tas-Sibt, ġurnata li ma setgħatx isib avukat sabiex jassistiha. Meta sar konfront bejn l-attriċi u Marco Mercieca quddiem it-Tribunal Industrijali dwar jekk l-attriċi ingħatatx kopja tal-kuntratt b'xi forma jew manjiera, jew email, fax jew fuq karta, l-attriċi tgħid li le u tinsisti li l-ewwel darba li hija rat il-kundizzjonijiet tat-terminazzjoni kienu fis-7 ta' Diċembru 2013 ġewwa l-uffiċċju ta' Marco Mercieca, il-Belt. Baqgħet tinsisti dan matul ix-xhieda kollha tagħha. Din il-Qorti tinnota li l-attriċi kienet taf minn qabel ma ffirmat l-iskrittura mertu tal-kawża li l-impjieg tagħha kien ser jiġi terminat. Ma kinitx xi ħaġa mil-lum għall-għada li ma tatx opportunità lill-attriċi li tkellem konsulent legali tal-fiduċja tagħha. Faċilment setgħet titlob kopja tal-abbozz tal-ftehim minn qabel sabiex ikollha l-opportunità li tarah aktar u tikkonsulta ruħha.

55. Din il-Qorti tasal għall-konklużżjoni li l-kunsens tal-attriċi ma kienx vizjat minħabba qerq. Jekk ma kinitx ċerta dwar il-konsegwenzi ta' dak li kienet ser tiffirma setgħet għażlet li ma tiffirmax u titlob aktar żmien sabiex tikkonsulta ruħha ma' persuna tal-fiduċja tagħha. Minn dan kollu ma għamlet xejn bil-konsegwenza li ma tistax minħabba l-imprudenza tagħha tirrikorri għall-pretest li l-kunsens tagħha ġie meħud b'qerq. Qabel iffirmat l-iskrittura l-attriċi qratha u fehemet sew x'kienu l-konsegwenzi ta' dak li kienet ser tiffirma għalih. Kien faċli tinduna illi l-promessa verbali kienet tmur dijametrikament kontra dak li kienet qed tiffirma għalih. Jidher illi aktar iva milli le li dak li seħħ ma kienx qerq imma ripensament da parti tal-attriċi wara li ffirmat dak li kienet qed tifhem sew x'kien ifisser u x'konsegwenzi kellu. *"L-imprudenza u l-leggerezza tal-kontraenti m'hijiex raguni ta' annullament ta' kuntratt"*.[25]

[25] **PL Edoardo Frendo vs. Antonio Chetcuti et** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Jannar 1952. Ara wkoll **Francis Penza v. John Mallia** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju 1991.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi,

1. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u ssib li t-talbiet attriċi kif dedotti huma ammissibbli;

2. **Tilqa'** l-kumplament tal-eċċezzjonijiet peress li l-attriċi ma seħħilhiex tipprova li tat il-kunsens tagħha konsegwenza ta' qerq jew għemil doluż ai termini tal-Artikolu 981 tal-Kodiċi Ċivili u lanqas seħħilha tipprova li l-kunsens tagħha ġie mogħti bi żball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza innifisha ta' l-oġġett tal-ftehim ai termini tal-Artikolu 976 tal-Kodiċi Ċivili;

3. **Tiċħad** it-talbiet attriċi.

**Bl-ispejjeż** kontra l-attriċi; ħlief dawk marbuta mal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta li huma a karigu tal-istess konvenuta.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 ta' Ġunju, 2024

**Deputat Reġistratur**